MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 72

11 ta' Lulju 2012

Minuti tal-Ewwel Parti tas-Seduta Nru. 72 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2012.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 71, kif wkoll li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

## 2.1.1. Proġett ta' tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)

2.1.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk humiex ser isiru bankini bħala parti mill-proġett imsemmi.

2.1.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi fakkar li kellha titqiegħed pompa tal-ilma antika qrib il-lapida li tfakkar l-inawgurazzjoni ta' dan is-servizz.

2.1.4. Is-Sindku wieġeb li l-bankini ser jitneħħew kollha u l-misraħ ser ikun fuq livell wieħed. Huwa qal ukoll li ngħata parir sabiex il-lapida li saret referenza għaliha fil-minuta 2.1.3. titħalla fejn hi għaliex jista' jiġrilha ħsara jekk tiċċaqqlaq biex titqiegħed x'imkien ieħor, filwaqt li l-kliem li hemm fuqha jistgħu jinżebgħu mill-ġdid u tiġi mdawwla bil-lejl. Huwa qal li l-pompa tal-ilma antika tista' titqiegħed x'imkien qrib il-lapida, minflok l-i*stand* tar-roti.

2.1.5. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li l-kuntrattur konċernat għadda l-ewwel talba għall-ħlas akkont li kienet tammonta għal €64,985.88. Wara ċ-ċertifikazzjoni ta' dan l-ammont, saret talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex l-imsemmi ammont jiġi rkuprat skont il-*commitment letter* maħruġa mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika tad-29 ta' Diċembru 2011. Din is-somma ser tiġi mgħoddija fil-kont bankarju tal-Kunsill fil-jiem li ġejjin.

2.1.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.2.1. Servizzi Soċjali mogħtija mill-Uffiċċji tal-Kunsilli Lokali (K/1/3/Vol II)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għal notifika li ntbagħtet lill-Kunsillieri kollha dwar żjara li kellu jagħmel l-Onor. Chris Said il-Ministru tal-

Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja, fil-11 ta' Lulju 2012 fil-post minn fejn qed jingħata s-servizz mill-uffiċjali tad-Dipartiment għas-Servizzi Soċjali fl-uffiċċju tal-Kunsill. Huwa qal li għaliha kienu preżenti s-Segretarju Permanenti s-Sur Frans Borg u d-Direttur tad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali s-Sur Mark Mousu`.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Titjib fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ (P/4/14)

2.3.2. Is-Segretarju aċċenna għall-minuta 2.7.1. tas-seduta preċedenti. Huwa għarraf li saru rappreżentazzjonijiet mal-Korporazzjoni Enemalta bil-għan li d-dwal eżistenti fil-playing jiġu devoluti lill-Kunsill, filwaqt li d-dawk ġodda li ser isiru parti mill-proġett tal-*playing field* jissostitwuhom u jiġu jinxtegħlu mad-dwal tat-toroq. Applikazzjoni formali ser issir fil-jiem li ġejjin wara li l-kuntrattur jimla' l-parti teknika tal-istess applikazzjoni.

2.3.3. Is-Sur C. Debono għarraf ukoll li l-korrispondenza relatata ma' din il-materja ġiet mgħoddija lill-Bord li jamministra l-Fond għat-Titjib Urban (UIF) fi ħdan il-MEPA. Intqal ukoll li ġie mgħoddi wkoll rapport li sar minn RoSPA (Malta) dwar is-siġurta` tal-bandli u r-*rubber flooring* li ser isir.

2.3.4. Is-Sindku għarraf li l-madum tal-paviment inġieb fuq il-post, liema materjal ingħata mingħajr ħlas mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali. Il-valur tiegħu huwa €4,903. Huwa qal ukoll li ntalbet stima mit-Taqsima tal-PARKS sabiex isir puġġaman tal-injam li jifred il-*playing field* minn Triq l-Erwieħ minħabba d-diżlivell li jeżisti.

2.3.5. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li b'konsultazzjoni mal-familja Fenech, intlaħaq qbil li l-kliem taħt il-bust tal-pittur George Fenech għandu jinqara hekk:

GEORGE FENECH
(1926-2011)
Il-MELLIEĦA SSELLEM
LILL-IBEN DEHEN TAGĦHA U
WIEĦED MILL-ARTISTI L-KBAR TA' ŻMIENU
LI GĦANNA L-ĠMIEL U L-WIRT TAGĦNA
F'POEŻIJA DEJJIEMA TA' LWIEN U KULURI

Stemma tal-Mellieħa — Stemma tal-EDEN

16 ta' Awwissu 2012

2.3.6. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

### 2.4.1. Introduzzjoni ta' dwal fi Triq ir-Ramla tal-Bir (E/1/3/Vol VI)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.8.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li ssejħet laqgħa mal-partijiet kollha nvoluti f'din il-materja. L-eżitu` tagħha jingħata aktar 'il quddiem.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv (K/1/2/Vol V)

2.5.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 2.9.1. u għarraf li b'ittra datata 3 ta' Lulju 2012, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali talab il-kunsens tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment skont l-Artiklu 61 tal-Att XV tal-1993. Dan billi l-ispiża taqbeż l-vot annwali meta jitqies l-ammont maħsub għall-ħlas ta' spejjeż ta' natura rikorrenti. Biex ġiet sostnuta din it-talba ngħatat dokumentazzjoni relatata mal-qagħda finanzjarja tal-Kunsill, fosthom: skeda dettaljata dwar il-pagamenti miftiehma, kif stipulati fil-konvenju, flimkien mal-*balance sheets* li juru kif kienet il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill fl-għeluq tas-snin 2007/08, 2008/09, 2010, u 2011. Ġew mogħtija wkoll l-Estimi Finanzjarji 2012 u l-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill 2012-2014, fejn hemm riflessi l-pagamenti relatati mal-akkwist tal-fond in kwistjoni.

2.5.3. Il-Kunsill innota l-progress li ġie reġistrat fuq din il-materja.

### 2.6.1. Agia Napa Festival (K/1/5/4)

2.6.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 2.12.1. tas-seduta preċedenti u staqsa fuq jekk kienx hemm xi proposti dwar persuni fil-qasam tal-arti jew l-artiġġjanat sabiex jieħdu sehem fl-avveniment imsemmi. Huwa kompla jgħid li l-pittriċi Charmaine Tanti ma' tistax tattendi minħabba mpenji oħra u għaldaqstant ippropona lis-Sinjuri Ismeria Bartolo (pittriċi) u Davinia Turner (artiġġjanat). Huwa qal ukoll li l-pittur Jonvic Borg ikkonferma li ser jieħu sehem.

2.6.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa mis-Sindku.

### 2.7.1. Parkeġġ riżervat għal persuna b'diżabilita` fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (P/8/2/Vol III)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.4.1. tas-seduta preċedenti u qal li permezz ta' ittra datata 21 ta' Ġunju 2012 indirizzata lill-Transport Malta, il-pożizzjoni tal-Kunsill ġiet magħmula ċara, fis-sens li l-kundizzjoni tal-persuna konċernata għadha timmerita dan il-benefiċċju, minkejja xi titjib li seta' kien hemm fil-kundizzjoni fiżika tagħha u għaldaqstant ma kienet ser tittieħed ebda azzjoni min-naħa tal-Kunsill.

2.7.3. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li huwa ġie kkuntattjat mir-resident li qed joġġezzjona għall-faċilita` u għalhekk talab kopja tal-korrispondenza li għaddiet bejn l-Awtorita` u l-Kunsill. Huwa kkummenta wkoll li ma jifhimx ir-raġuni għaliex Transport Malta qed titlob lill-Kunsill jieħu azzjoni, filwaqt li meta ngħatat il-faċilita` l-ewwel darba, kienet l-istess Awtorita` li żebgħet it-triq permezz tal-kuntrattur tagħha.

### 2.8.1. Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)

2.8.2. Saret referenza għall-minuta 7.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sindku kkummenta li l-attivita` msemmija marret tajjeb mil-lat ta' attendenza, filwaqt li l-attrazzjoni ewlenija f'din l-edizzjoni – l-wirja mill-grupp folkloristiku Kumittiva tax-Xagħra – ntlaqgħa tajjeb mill-pubbliku preżenti.

2.8.3. Il-Kunsill innota u qabel mal-kummenti tas-Sindku.

### 2.9.1. Konkors Sportivi Melleħin tas-Sena (S/4/4)

2.9.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-minuta 10.1. u kkummenta li l-formola tan-nominazzjonijiet ma tinkludix l-isportivi meqjusa bħala l-*elite*.

2.9.3. Is-Segretarju wieġeb li l-premju għall-Isportiv/a *Elite* jidħol għalih min huwa/hija rikonoxxut/a bħala tali mill-Kunsill Malti għall-Isports u l-Kumitat Olimpiku Malti wara l-akkwist ta' xi titlu prestiggjuż, u għalhekk mhux permezz ta' nominazzjoni mill-pubbliku jew xi entita`.

### 2.10.1. Proġett *Plan Today Act Tomorrow* (P/10/17)

2.10.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti, u għarraf li qed jittieħdu ritratti ta' postijiet rurali sabiex tittellgħa wirja dwar il-Mellieħa fil-Latvia. Huwa qal ukoll li qed isiru t-tħejjijiet għal Lejla Maltija permezz ta' kant, żfin u ikel miż-żgħażagħ li ser jipparteċipaw.

2.10.3. Is-Sur E. Bartolo qal li kien diffiċli ħafna li tinstab konnessjoni bejn Malta u l-Latvia u l-eqsar waħda li nstabet kienet: Malta/Ruma/Riga u Riga/Milan/Malta bi spiża għal kull biljett ta' €461 u €512, rispettivament. Spjega wkoll li t-titjiriet ser ikunu permezz tal-linja Ryanair u ser jinxtraw minn żewġ aġenziji ta' ivjaġġar differenti. Is-sitt żgħażagħ parteċipanti ser ikunu qed jikkontribwixxu €120 kull wieħed għal din l-ispiża.

2.10.4. Il-Kunsill approva l-ispiża ndikata, filwaqt li nnota li ser issir talba għall-irkupru tal-ispiża permezz tal-Iskema ta' Kofinanzjament.

### 2.11.1. *Caravans* fl-inħawi tal-Qortin it-Twil fl-Armier (C/4/Vol III)

2.11.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li nhar il-Ħadd l-1 ta' Lulju 2012, huwa ġie nfurmat mill-Pulizija li persuna illi għandu *caravan* fil-Qortin it-Twil ġie rrappurtat jimla' tankijiet bl-ilma mil-latrina pubblika tal-Armier fil-preżenza tal-*attendant*.

2.11.3. Il-Kunsill innota u qabel mas-Sindku illi dan jikkostitwixxu serq tal-ilma minn post pubbliku.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 11/07/12
- Skeda ta' Pagamenti – 16/06/12 – 06/07/12;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 09/07/12

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Deċiżjoni mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Sqaq Ħarruba (D/3/1/Vol V)

4.1.2. Saret referenza għad-deċiżjoni li ġiet mogħtija mill-Bord ta' Reviżjoni dwar *stop notice* li kienet inħarġet mill-MEPA wara li Sqaq Ħarruba kien ingħata l-konkos biex it-terrapien ma jinġarx mill-ilmijiet. Permezz ta' notifika datata 21 ta' Ġunju 2012, l-Bord għarraf li l-appell imressaq mill-Kunsill ma kienx ġie aċċettat.

4.1.3. Is-Segretarju għarraf li l-*Contracts Manager*, huwa tal-parir li f'dan l-istadju tista' issir applikazzjoni mal-MEPA sabiex jiġi ssanzjonat ix-xogħol li sar.

4.1.4. Il-Viċi Sindku E. Bartolo kkummenta li kemm-il darba jinħareġ il-permess, ikun hemm multa li trid titħallas mill-Kunsill.

4.1.5. Ġie deċiż li kopja tad-deċiżjoni tal-appell għandha tiġi mgħoddija lill-konsulent legali tal-Kunsill.

### 4.2.1. Attivitajiet f'Misraħ il-Parroċċa (A/6/3/2/Vol 33)

4.2.2. Saret referenza għal ittra data 8 ta' Lulju 2012 mibgħuta mis-Societa` Filarmonica La Vittoria dwar kunċert li ser jittellgħa mill-Wolverhampton Youth Band fuq iż-żuntier tal-knisja parrokkjali nhar is-Sibt 21 ta' Lulju 2012. Sar aċċenn ukoll għal applikazzjoni li saret mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina li qed torganizza ikla sabiex issir fl-istess post u ħin.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li ż-żewġ attivitajiet jistgħu jsiru fl-istess waqt mingħajr ma waħda ttellef lill-oħra.

4.2.4. Is-Sindku għarraf ukoll li diriġenti mis-Societa` Filarmonica La Vittoria kellhom diskussjonijiet miegħu sabiex il-Kunsill ikun involut fl-organizzazzjoni tal-kunċert f'dawk li huma permessi, pubbliċita` u s-*set up* meħtieġ.

4.2.5. Il-Kunsill unanimament qabel li nizjattivi ta' din ix-xorta jinkoraggixxu lir-residenti japprezzaw aktar il-kultura mużikali, filwaqt li tinħoloq attrazzjoni lit-turisti li dakinhar ikunu residenti fil-lukandi tal-Mellieħa. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-lukandi għandhom jiġu notifikati bl-avveniment. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jikkontribwixxi billi jipprovdi s-*seating* tal-mużiċisti u l-pubbliku.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 11 ta' Lulju 2012. Tresqet ukoll PRF oħra datata 11 ta' Lulju 2012, relatata mal-proġett tal-*Heritage Trail ta' Selmun* li tinvolvi żewġ *items* dwar il-pubbliċita` u l-ħolqien ta' sit elettroniku dwar l-istess proġett.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskedi msemmija.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet Skeda ta' Pagamenti mitluba bejn is-16 ta' Ġunju u s-6 ta' Lulju 2012.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fl-iskeda mressqa u għalhekk ġiet iffirmata. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.gov.mt.

## 7.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin 2012 (A/5/3/5/Vol IV)

7.2. Is-Sindku għarraf li kontra l-indikazzjonijiet inizjali mogħtija, il-lokalitajiet kollha ġemellati - Adenau, Cavriglia u Agia Napa kkonfermaw li ser jieħdu sehem f'din l-edizzjoni tal-Iljieli Melleħin. Hekk li Adenau ser jibgħatu kitarrist kantant, kif ukoll id-direttur artistiku li ser jidderieġi il-Festival tal-Korrijiet li ser isir f'dik il-lokalita` fl-2013. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li minn Cavriglia ġejjin sopran, pjanista u flawtista li ser ikunu akkumpanjati mill-Viċi Sindku Marco Roschi. Minn Agia Napa ser jipparteċipaw għaxar żeffiena li ser ikunu akkumpanjati mis-Sindku Antonis Tsokkos u Maria Toffini. Is-Sindku qal li qed isiru kuntatti sabiex dawn tinstabilhom akkomodazzjoni fil-Mellieħa.

7.3. Saret referenza għal ittra datata 2 ta' Lulju 2012, mibgħuta John Paul 2 Foundation fejn ġie proposta li jittellgħa kunċert kommemorattiv taż-żjara li għamel il-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Mellieħa f'Mejju 1990. Il-kunċert jittellgħa mill-Gaudos String Duo mill-Ungerija. Dan jinvolvi ħlas ta €300 lil dawn iż-żewġ artisti.

7.4. Il-Kunsill innota l-iżviluppi spjegati mis-Sindku, kif ukoll l-ispejjeż li saret referenza għalihom.

## 8.1. Sejħa għall-Offerti Nru. 1/2012 – Tindif u żamma tal-Latrini Pubbliċi (L/3/Vol II)

8.2. Saret referenza għall-minuti tal-laqgħa tat-*Tender Ajdudication Board* tad-9 ta' Lulju 2012, illi rrakkomanda li l-offerenti għandhom jiġu mistoqsija jelaboraw aktar fuq il-mod kif beħsiebhom jirrendu s-servizz mitlub minnhom, partikularment f'dik li hija frekwenza tal-attendenza.

8.3. Il-Kunsill approva din ir-rakkomandazzjoni.

## 9.1. Sejħa għall-Offerti Nru. 9/2012 – Servizz ta' *Accountant* (C/3/3)

9.2. Saret referenza għall-minuti tal-laqgħa tat-*Tender Ajdudication Board* tad-9 ta' Lulju 2012.

9.3. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord u awtorizza l-ħruġ ta' ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent is-Sur Daniel Galea.

## 10.1. Sejħa għall-Offerti Nru. 10/2012 – Titjib fl-aċċess għax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija fi Triq il-Kappillan Magri (A/6/7/2/Vol II)

10.2. Saret referenza għall-minuti tal-laqgħa tat-*Tender Ajdudication Board* tad-9 ta' Lulju 2012.

10.3. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord u awtorizza l-ħruġ ta' ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent Central Asphalt Ltd, sakemm tiġi mgħoddija d-dokumentazzjoni ndikata mill-istess Bord.

## 11.1. Sejħa għall-Offerti Nru. 11/2012 – Provista ta' *Dense Coated Mixes* (Asfalt) (D/3/1/Vol III)

11.2. Sar aċċenn għall-minuti tal-laqgħa tat-*Tender Adjudication Board* tad-9 ta' Lulju 2012.

11.3. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord u talab li tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent Central Asphalt Ltd.

## 12.1. Sejħa għall-Offerti Nru. 12/2012 – Provista ta' Konkos għal Użu Ġenerali (D/3/1/Vol III)

12.2. Saret referenza għall-minuti tal-laqgħa tat-*Tender Adjudiciation Board* tad-9 ta' Lulju 2012.

12.3. Il-Kunsill qabel li għandu jaddotta r-rakkomandazzjoni tal-Bord u għalhekk approva l-ħruġ ta' ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent Attard Brothers Ltd.

**13.1. Sejħa għall-Offerti Nru. 13/2012 – *Road Resurfacing* u Xogħlijiet Anċillari (T/4/13/Vol IX)**

13.2. Ġie nnutat li skont il-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tad-9 ta' Lulju 2012, l-istess Bord kien għadu ma kkonkludiex l-evalwazzjoni tiegħu fuq din l-offerta u għalhekk il-Kunsill talab li dan is-suġġett jitqajjem f'seduta oħra.

**14.1. Sejħa għall-Offerti Nru. 14/2012 – Servizz ta' *Contract Management* relatat ma' *Road Resurfacing* u Xogħlijiet Anċillari (K/6/5/3/Vol II)**

14.2. Il-Kunsill osserva li fil-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tad-9 ta' Lulju 2012, intalbet kjarifika mingħand wieħed mill-offerenti u għalhekk kien għadu ma wasalx biex jressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu. Għaldaqstant, ġie deċiż li dan is-suġġett jitqajjem f'seduta oħra.

**15.1. Sitwazzjoni tat-traffiku fit-toroq ewlenin (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)**

15.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta dwar l-istaġġnar tat-traffiku li qed jirriżulta matul il-ġranet kollha tal-ġimgħa fit-toroq ewlenin, minħabba li Dawret il-Mellieħa hija miftuħa b'karreġġjata waħda biss għat-telgħa. Huwa qal li din is-sitwazzjoni aggrava ruħha bit-tneħħija tal-Uffiċjali tal-Infurzar u l-Gwardjani Lokali li kien hemm għal xi żmien fi Triq Ġorġ Borg Olivier.

15.3. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li billi l-vetturi l-kbar qed jużaw it-triq tal-Wied Ta' Rdum/Triq Tal-Prajjet u Dawret il-Mellieħa, mhux possibbli li waħda minnhom tieħu t-traffiku li jkun sejjer lejn iċ-Ċirkewwa. Dan sakemm ma jiġix ikkunsidrat li dik il-parti ta' Dawret il-Mellieħa, bejn it-Triq Tal-Prajjet u Triq il-Marfa titwessa' biżżejjed biex tieħu traffiku fiż-żewġ direzzjonijiet. Dan ikun jirrikjedi s-servizz ta' Gwardjani Lokali jew Uffiċjal tal-Infurzar sabiex jiġi żgurat li ma jidħolx traffiku lejn il-Mellieħa mingħajr ħtieġa. Is-Sur E. Bartolo qal li alternattiva oħra tista' tkun li jkun hemm superviżjoni tat-traffiku fi truf ta' Triq Ġorġ Borg Olivier permezz ta' żewġ uffiċjali kollegati flimkien bl-użu ta' *two-way radio*.

15.4. Is-Sindku aċċenna li l-konġestjoni qed tinħoloq minn vetturi ġejjin mill-Manikata li qed jispiċċaw fi Triq l-Erwieħ biex joħorġu għal Triq il-Marfa. Huwa rrimarka wkoll li Transport Malta qed joġġezzjonaw li jerġgħu jpoġġu uffiċjal minn tagħhom fi Triq il-Marfa, kantuniera ma' Dawret il-Mellieħa. Huwa qal li wasal iż-żmien li l-Kunsill jikkonsidra li jżid Gwardjani Lokali fi Triq Ġorġ Borg Olivier.

15.5. Wara aktar diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li l-Ministeru ta' l-Infrastruttura, it-Trasport u l-Komunikazzjoni għandu jintalab sabiex issir laqgħa bejn il-partijiet kollha nteressati, li jinkludu, rappreżentanti minn Transport Malta, il-kuntrattur Bonnici Brothers Ltd, u l-Uffiċjal Awtorizzat.

**16.1. Skema Riġenerazzjoni fl-Oqsma tal-Binjiet tal-Gvern (B/7)**

16.2. Saret referenza għall-Iskema Riġenerazzjoni fl-Oqsma tal-Binjiet tal-Gvern li permezz tagħha saru xogħlijiet ta' titjib bejn il-blokki fil-Qasam Ta' Pennellu. Billi f'din iż-żona spiss jiġu rrappurtati atti vandali u nkonvenjenzi għar-residenti, ġie propost li tiġi nstallata sistema ta' CCTV li jittrasmettu l-immaġini lejn l-uffiċċju tal-Kunsill permezz tal-wi-fi. Il-Kunsill ġie mgħarraf li ntalbu żewġ stimi dwar il-fornitura tal-apparat meħtieġ u oħra għall-installazzjoni. Dawn huwa soġġetti għat-testijiet biex jiġi żgurat li s-sistema taħdem bl-istess mod kif sar fi Ġnien il-Qigħan. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-cameras jeħtieġu l-elettriku fuq il-post illi jista' jiġi pprovdut minn wieħed mir-residenti.

16.3. Is-Sindku ppropona wkoll li t-tabelli u s-sinjali tat-traffiku jeħtieġ li jinbidlu jew jinżbegħu mill-ġdid.

16.4. Il-Kunsill approva l-proposta u għaldaqstant kien hemm qbil li għandu jinkiseb il-kunsens tal-Awtorita` tad-Djar qabel issir l-ispiża nvoluta.

## 17.1. Assemblea Ġenerali tal-EDEN Network (T/12/2)

17.2. Is-Sindku rrefera għal laqgħa tal-i*Steering Committee* tal-EDEN li saret fi Brussel fit-3 ta' Lulju 2012. Huwa qal li fl-istess laqgħa ġie deċiż li l-assemblea ġenerali tan-*network* issir fi Brussel fit-22 u 23 ta' Ottubru 2012, filwaqt li attivita` fi fiha tingħata merħba lid-delegati issir f'Dar Malta fl-istess belt.

17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 18.1. Proġett *Terra Mirabilis* flimkien mal-Comune di Casalborgone (P/10/12)

18.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għaż-żjara li huwa flimkien mas-Sur Stephen Borg għamlu f'Casalborgone fl-24 u l-25 ta' Lulju 2012, sabiex tiġi kkordinata l-konferenza li għandha ssir fil-Mellieħa fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru 2012, bħala waħda mill-avvinimenti skedati taħt dan il-proġett. Huwa qal li kellu laqgħa mas-Sindku ta' Casalborgone, Francesco Cavallero u l-President tar-Reġjun tal-Piemonte, Roberto Cota.

18.3. Is-Sindku kompla ġibed l-attenzjoni li biex l-konferenza tal-Mellieħa tibbenefika mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea, jeħtieġ li jieħdu sehem fiha minimu ta' mitt delegat. Huwa qal ukoll li nbdew kuntatti sabiex l-konferenza u l-alloġġjar tad-delegati jsiru fil-Mellieħa.

18.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li qed tittieħed.

**KONTINWAZZJONI**

Billi kien sar il-ħin, l-ewwel parti tas-seduta spiċċat fl-11.00 pm u kien hemm qbil li għandha titkompla nhar l-Erbgħa 25 ta' Lulju 2012 fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**